IL-BELT

NEWSPAPER POST

VICTORIA

RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GHAWDEX

Lulju - Awissu 1996

Nru. 91

# IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

# San Ġorġ u t-Tfal fis-Sena ddedikata lilhom

Is-Sena li qegħdin fiha, 1996, hija sena li ġiet iddedikata lit-tfal. Xieraq għalhekk, li l-messaġġ ta' din is-sena jkun mfassal b'tali mod li jwassal xi riflessjonijiet dwar il-Qaddis Patrun ta' Għżiritna f'konnessjoni mat-tfal tagħna.

Huwa fatt li ma jista' jiċħdu ħadd li lkoll kemm aħna nħobbuhom lil uliedna. Nistgħu ngħidu li l-ommijiet u l-missierijiet kollha jagħmlu sagrifiċċji mhux żgħar sabiex jaraw li dawn uliedhom ma jkun jonqoshom xejn! Ilkoll kemm aħna nippruvaw nagħtuhom dak it-tagħlim u dik l-edukazzjoni u formazzjoni biex jitilgħu ċittadini onesti! Ta' dan kollu għandna għax inħossuni kuntenti u sodisfatti.



Biss ma rridux ninsew, li fl-aħħar mill-aħħar, dan hu dmir tagħna. Inkunu qed nonqsu mid-dmirijiet tagħna ta' ġenituri, għalliema, eċċ, jekk aħna dawn l-affarijiet li semmejt hawn fuq ma nagħmluhomx.

Iżda, barra milli ntellgħuhom ċittadini onesti, jeħtieġ li lkoll kemm aħna nħossuna fid-dmir li nagħmlu dak kolluli nistgħu sabiex uliedna ntellgħuhom ukoll **f'insara tajbin.** L-ewwel u qabel kulħadd għandhom iħossu dan id-dmir il-ġenituri. Żgur li jsibu l-għajnuna li jeħtieġu mingħand is-saċerdoti, l-katekisti, l-għalliema. Iżda, nirrepeti, li dak li jistgħu jagħtuhom il-ġenituri ma jista' jagħtihulhom ħadd.

Biex intellgħuhom f'Insara tajba rridu taraw li ngħaddulhom dak it-teżor ta' fidi u ta' wirt reliġjuż li aħna irċivejna mingħand il-ġenituri tagħna. U propju l-festa li norganizzaw ad unur tal-Kbir Martri ta' Kristu San Ġorġ, għandha tgħin ħafna f'dan li qed ngħid. Iżda, jeħtieġ li ma tkunx festa biss ta' marċi, ta' divertiment, ta' kant. Ma jfissirx li l-festa ma għandux ikollha dawn l-ingredjenti li semmejt, iżda importanti li ma jkunux huma biss.

Il-Festa tagħtina ċ-ċans li nitkellmu mat-tfal tagħna fuq San Ġorġ, il-qaddis kbir li ħabb lill-Kristu sa' ma wasal biex ta ħajtu għaliH.

San Ġorġ għex kważi 1700 sena ilu; iżda l-ħajja tiegħu, il-mod kif ġab ruħu fil-mumenti tal-prova, l-istqarrija li hu għamel tal-fidi tiegħu, jiġifieri l-martirju li huwa ġarrab għadhom jidwu, għadhom ħajjin, għadhom ikellmuna.

■ Ejjew inkellmuhom lit-tfal tagħna dwar is-sbuħija tar-ruħ safja ta' San Ġorġ, li minkejja li kien jgħix fil-ħama ta' eżerċitu ruman, għaraf igħożż din il-virtù sabiħa. Ngħidulhom li anke huma, minkejja l-ħażen tad-dinja li fih qed jgħixu, jistgħu, jekk iridu, jgħożżu s-safa ta' ruħhom u jkunu kburin biha.

■ Ejjew inkellmuhom lit-tfal tagħna dwar l-imħabba li San Ġorġ kellu għall-foqra, għal emarġinati, għall-

*ikompli f'paġna 2* ☛

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
- Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

07.06.96: JULIAN, iben Michael Galea u Frances nee' Galea
22.07.96: GEORGE, iben George Ellis u Sue Anne nee' Mercieca
28.07.96: GEORGIANA, bint Emanuel Camilleri u Carmen nee' Curmi
30.06.96: ROBERT, bin George Buttigieg u Elizabeth nee' Haber

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

08.06.96: RUBEN SAID + PAULINE MUSCAT
16.06.96: JONATHAN ATTARD + JOANNE CASSAR
21.06.96: MARIO SCICLUNA + JOSELINE CREMONA

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

18.06.96: JOSEPH CEFAI Prok. Leg.

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

# IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

## San Gorg u t-Tfal fis-Sena ddedikata lilhom

ilsiera, u wasal biex ta ġidu kollu, ħalli jimita lil Kristu filfaqar tiegħu. Nuruhom li filwaqt li jroddu ħajr 'l Alla tal-ġid li huma għandhom fid-djar tagħhom u fl-ambjenti tagħhom, jiftakru ukoll fi tfal oħrajn li qed jgħixu f'pajjiżi mkissra mill-gwerer u li ma għandhomx għaxja ta' lejla.

■ Ejjew inkellmuhom lit-tfal tagħna u nifthulhom għajnejhom ħalli ma jingannawx irwieħhom bl-idoli foloz tad-dinja ta' llum. San Ġorġ qatt ma niżel iqim dawn l-allat foloz ta' żmienu, iżda ħabb u ta qima lil Alla waħdu.

■ Ejjew inkelluhom lit-tfal tagħna u nimlewhom bilkuraġġ. Alla tagħna qiegħed magħhom bħala kien kontinwament ma' San Ġorġ, kemm fil- mumenti tal-prova kif ukoll waqt il-martirju.

Dan hu l-awgurju li jiena nagħmel lilkom ilkoll, u b'mod speċjali lit-tfal kollha. Ejjew inkunu nafu aħjar il-ħajja tal-Patrun tagħna San Ġorġ, u ejjew nippruvaw nimitawh, mhux biss fil-jiem tal-festi iżda f'kull ġurnata li tiġi fuqna.

**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.**

*Mons. Salv Borg*

# Editorjal

## IL-ĠORĠJANI TAL-FESTA!

Meta tieħu f'idejk din il-ħarġa tar-rivista tagħna nkunu ġa bdejna l-festi kbar li ta' kull sena jiġu ċċelebrati fil-Parroċċa tagħna ad unur il-Patrun ta' Beltna u ta' Gżiritna San Ġorġ Megalomartri. Kollox jinsab imħejji! Kollox jinsab programmat! Kollox jinsab lest!

Jekk int bqajt lura milli tagħti sehemek lill-Parroċċa jew lis-Soċjeta' La Stella li torganiżża mingħajr ebda sussidju ta' ħadd il-festi esterni, agħmel kuraġġ u agħti l-offerta tiegħek matul din il-ġimgħa tal-festa. mingħajr l-għajnuna ta' kulħadd ma jkollniex festa kbira u li tagħmlilna unur kif dejjem għamlet. Jekk tagħmel hekk tkun ferħan u kuntent bħal Ġorġjani sħabek u tkun tista' b'wiċċek minn quddiem tingħaqad mal-mijiet u mijiet ta' Ġorġjani li matul din il-ġimgħa jiċċelebraw bil-ferħ il-festa ta' Ġorġi Tagħna.

Dan il-ferħ ikompli jiżdied f'qalbek jekk inti wkoll ma' tħarisx biss lejn il-parti esterna tal-festa, imma tingħaqad magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Bażilika tagħna. Ejja u oqgħod mument fis-skiet ħares lejn Ġorġi u żgur li l-ħarsa ħelwa u simpatika tiegħu tinżel bħal balzmu f'qalbek u jekk kont qed tgħix 'l bogħod minn Dak li għalih ħa l-martirju Ġorġi tagħna, tibda taħsibha mod ieħor. Żgur li Ġorġi jqanqal fik indiema għall-iżbalji ta' l-imgħoddi u tibda ħajja ġdida mimlija mhux bil-gerħ li taf tagħti d-dinja pagana, imma bil-ferħ tal-grazja t'Alla.

Imbagħad ikollok raġun tgħajjat "VIVA ĠORĠI" mal-Ġorġjani sħabek. Imbagħad ikollok raġun tħoss demmek ibaqbaq x'ħin nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju tilmħu fil-bieb tal-Bażilika tagħna huwa u ħiereġ biex jdur ma Beltna. Imbagħad ikollok raġun tħoss rasek mistrieħa li għandek min jipproteġik, kif Ġorġi jproteġa lil ta' qabilna.

B'hekk u b'hekk biss tkun veru ta-festa. B'hekk u b'hekk biss tħossokparti mill-festa. B'hekk u b'hekk biss tkun taf li ġiet il-Festa! Ħu l-parir tagħna u agħmel dak li qed ngħidulek biex meta tgħaddi l-festa tkun tista tgħid b'wiċċek minn quddiem "X'festa kellna"!

# Lil San Ġorġ Megalomartri F'Jum il-Festa Tiegħu



Wasal San Ġorġ mill-ġdid dal-jum ta' festa
meta Għawdex kollu jfur bil-ferħ u l-hena
għax Int għalih Missier li jħobb 'l uliedu
u fik jiftakar fl-isbaħ xahar tas-sena.

Kemm Int għażiż San Ġorġ għalina wliedek
bik fil-qalb tagħna ngħixu lkoll ferħana
Int kont u għadek il-Patrun ta' Beltna
Int kont u għadek l-għaxqa sħiħa tagħna!

Kemm tkun sabiħ x'ħin toħroġ minn ġon-niċċa
sabiex iddur ma wliedek ħdejk miġbura
kemm jinżel dmugħ minn xfar għajnejn il-folla
li ma tixbax tammira tiegħek l-isbaħ sura!

Ieqaf San Ġorġ ma' din il-belt li tqimek
u li ħabbitek wisq bi mħabba kbira
agħmel li Għawdex jagħraf fik il-qawwa
li tista' teqred ta' tant hemm il-ħmira.

Ieqaf maż-żgħażagħ li kultant meħdija
f'tad-dinja tant frugħat jinsew lil Alla
u flok jirringrazzjawh ta' mħabbtu lejhom
iħabbtu wiċċhom ma' ta' l-hemm il-ħalla!
Tinsiex San Ġorġ lix-xjuħ, l-anzjani tagħna
li Ismek biss jimlihom b'ferħ tas-sema
itfa' fuqhom ukoll il-barka tiegħek
għax Int ukoll f'għajnejhom tnissel demgħa.

Ħares ukoll lil dawk li b'imħabbithom
irabbu lil uliedhom għad-dell tiegħek
u li x-xewqa li għandhom hi li wliedhom
ħajjithom jgħixu f'għaqda waħda miegħek.

U x'ħin mill-ġdid fil-bieb tal-maqdes tiegħek
tfiġġ bħal fl-imgħoddi, lest sabiex tilqagħna
ngħajtu flimkien magħquda ħaga waħda
"Viva San Ġorġ, Patrun, Protettur tagħna!"

***Geoffrey G. Attard*** *14 ta' Ġunju 1996*

## ŻGĦAŻUGĦ IKELLEM LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Għext qablek, ferm qablek,
għaddew 'il fuq minn sbatx-il mitt sena minn jum twelidi.
U forsi taħseb li jien ma għandi xejn x'ngħidlek!

Jell demm żagħżugħ hemm jiġri u jbaqbaq fil-vini tiegħek,
demm żagħżugħ ieħor kelli jien ġo fija,
demm żagħżugħ, Ħamrani,
demm b'saħħtu, li jiena ma rajtx bi tqila nxerrdu
biex dini nistqarr quddiem kulħadd.

Int li għadek fl-aħjar żmien ta' ħajtek,
x'qed tagħmel biex il-fidi tiegħek tistqarrha fil-beraħ,
bla biża', bla lġiem?
Ma nagħmlux mod, li int bħal dawk
li jpaċpċu ħafna fil-folla, imbagħad,
meta jintagħżlu weħidhom,
itemtmu u jitilfu kull ħeġġa u ħajja?

Is-snin taż-żogħżija għożżejthom,
is-snin ta' l-imħabba, ta' ilwien, ta' ferħ.....
Biss qgħadt attent li ruħi nżommha bla mittiefsa,
avolja t-tajn u l-ħama ma naqsux madwari.
Jien fhimt li l-hena u l-ferħ li stajt nakkwista mid-dinja
għomorhom ikun qasir, filwaqt li ħassejtni ċert
li ċaħda waħda magħmula għal Kristu
tissarraf f'djamant ta' prezz infinit.

L-unuri infirxu quddiemi,
il-wegħdi tal-Ħakem kienu jbelħu l-kulħadd,
il-ħakma u s-setgħa ssakkar u ġġennen lill-moħħ tal-bnedmin.
Iżda l-kelmiet ta' l-Imgħallem:
"imbierek min jobdi, min jaħfer, min jaqdi",
ġegħluni nħares lejn wieħed,
li biex rebaħ issallab,
biex jagħti l-ħajja, ħa l-mewt
u kien il-qaddej tal-qaddejja.

U int, li tgħid li għandek demm Ġorġjan fil-vini tiegħek,
qed forsi sserraħ moħħok mill-ħmura ta' demmek,
u tinsa' l-kulur abjad li suppost għandha ruħek?

Qatt waqaft taħseb ftit,
għaliex tebbgħajtha daqshekk din ruħek,
li Hu ħasillek bid-demm tiegħu stess?

Forsi ħallejt is-seher taż-żina jitliflek il-bjuda?
Forsi ppruvajt il-benna tad-droga u tas-sess?
Forsi biddiltha ma' żgħażagħ oħrajn,
jew forsi, bl-iskuża tal-kelma "imħabba"
tħammiġt u ħammiġt,
u l-paċi int tlift u tellift?

Ismagħni x'ser ngħidlek:
avolja gerbu minn fuqi 'il fuq minn mitt sena,
l-istess għadu ħajjen li lili pprova jwaqqgħani
hu l-istess wieħed li jpespislek f'widnejk,
itambar ġo moħħok,
u jgħawwarlek ġo qalbek,
biex dak li ma għamilx miegħi,
jirnexxilu jwettqu miegħek,
u jirbħek.....
Jien Ġorġi Anici, nitolbok,
tħallihx.

**Programm tal-Festi Solenni li ser jiġu ċelebrati fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria f'ġieh il-Patrun t'Għawdex – 1996**

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

❑ **Il-Ħamis: 11 ta' Lulju**
Fis-7.00 p.m.: L-aħħar Ħamis bi tħejjija għall-Festa u Bidu tan-Novena.
Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Kan. Dun Nikol Vella Apap.
Jieħu sehem il-"Chorus Urbanus".

❑ **Il-Ġimgħa: 12 ta' Lulju**
Fit-8.30 p.m.: Ikla Tradizzjonali Għawdxija fi Pjazza San Ġorġ, imżewwqa bi programm divertenti ta' kant u mużika ferrieħa mill-Group "Broadcasters"

❑ **Il-Ħadd: 14 ta' Lulju**
Fit-8.00 a.m.: Quddiesa Konventwali b'messaġġ dwar il-Valur Spiritwali tal-Festa.
Jieħu sehem il-"Chorus Urbanus".

❑ **It-Tnejn: 15 ta' Lulju**
Fis-7.30 p.m.: Fil-Bażilika, Kunċert ta' mużika sagra mill-Kor "Laudate Pueri", bis-sehem tas-Solist Aurelio Oreste Santalena.

❑ **It-Tlieta: 16 ta' Lulju**
Fil-5.30 p.m.: Dun Manwel Curmi, Uffiċċjal Inkarigat mill-Caritas Djoċesana jmexxi Konċelebrazzjoni li fiha jirċievi l-għotjiet li l-Komunita' Parrokkjali tkun offriet matul il-Kampanja ta' Ġenerożita' li ssir fil-jiem tal-Festa.
Fis-7.00 p.m.: Marċ mill-Banda La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.
Fit-8.00 p.m.: Ħruġ min-niċċa ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam ta' P.P. Azzopardi, l-Ewwel Statwa Titulari f'Għawdex.

❑ **L-Erbgħa: 17 ta' Lulju**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**
Fil-4.30 p.m.: Quddiesa għall-Morda u għall-Anzjani tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk preżenti. Imexxi l-Funzjoni: il-W.Rev. Mons. Emanuel Mercieca, *Arċipriet Emeritus.*
Fil-5.30 p.m.: Quddiesa
Fis-6.30 p.m.: Għasar bil-Kant Polifoniku bis-sehem tal-Kor "Laudate Pueri". Priedka tat-Tridu mill-W.Rev. Lawrenz Zammit, Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara. Wara l-Priedka, Innu, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.
*Matul il-jiem tat-Tridu jiġi esegwit mill-Orkestra l-Innu "Georgi Miles Inclite" (1878), komposizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia u l-Antifona, mużika ta' Carlo Flamengo u versi ta' San Pier Damiani.*
Fid-9.30 p.m.: Marċ mill-Banda La Stella li jibda' minn Triq Għajn Qatet. Fi Pjazza San Franġisk jingħata bidu għal Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Logħob tan-nar fi Pjazza San Franġisk u Triq ir-Repubblika.

❑ **Il-Ħamis: 18 ta' Lulju**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni b'Suffraġju tal-Membri tal-Komunita' Parrokkjali tagħna li mietu mill-aħħar festa ta' San Ġorġ 'l hawn.
Fil-5.00 p.m.: Quddiesa mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex għat-tfal kollha tal-Parroċċa, fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal.
Issir l-Ewwel Tqarbina u jingħata s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lit-tfal ta' Emigranti Ġorġjani li jkunu ġew għall-Festa.
Issir il-Premjazzjoni għall-Aħjar Tifel u Tifla ta' kull Ċentru tad-Duttrina li għandna fil-Parroċċa.
Fis-6.30 p.m.: Kollox bħal jum ta' qabel.
Fid-9.30 p.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella bl-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol Austin Camilleri, minn Pjazza San Ġorġ għal mat-toroq ta' madwar il-Bażilika. Dan il-Marċ huwa organizzat mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella. Logħob tan-nar fi Pjazza San Ġorġ.

❑ **Il-Ġimgħa: 19 ta' Lulju**
**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni b'Suffraġju tas-Saċerdoti mejtin tal-Parroċċa.
Fil-5.00 p.m.: Quddiesa
Fis-6.00 p.m.: Kollox bħal jum ta' qabel.
Fid-9.30 p.m.: Dimostrazzjoni grandjuża bl-Istatwa ta' San Ġorġ, l-ewwel statwa tal-festi esterni f'Għawdex u kapolavur ta' Vincenzo Cremona. Tieħu sehem il-Banda La Stella li żżanżan sett ta' marċi ġodda, u l-Banda Dekana l'Isle Adam, tar-Rabat, Malta. Logħob kbir tan-nar fi Triq ir-Repubblika.

❑ **Is-Sibt: 20 ta' Lulju**
**LEJLET IL-FESTA**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni mmexxija mill-W.Rev. Mons. Salv Borg, Arċipriet tal-Parroċċa, li fiha jsir talb għall-Benefatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa. Fit-tmiem tal-Quddiesa jiġi ntonat it-Te Deum li jġib fit-tmiem it-Tridu.
Fid-9.30 a.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella fiċ-ċentru tal-Belt Victoria.
Fis-6.00 p.m.: Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ, biex tilqa' l-wasla ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.
Fis-6.30 p.m.: Translazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof, assistit minn membri tal-Kapitlu Kattidrali u bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru tal-Kolleġġjata. Benedizzjoni Ewkaristika.
*Jiġi esegwit l-Għasar "Vespri per la Solennita' di San Giorgio Martire" (1892), komposizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Wara l-Għasar Pontifikali ser tindaqq l-Antifona "Beatus Georgius", u "Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire", it-tnejn komposizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia.*

Fit-8.00 p.m.: Programm Mużikali mill-Banda Filar. King's Own tal-Belt Valletta, fi Pjazza San Ġorġ. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana.
Fid-9.30 p.m.: Fi Pjazza San Ġorġ, esekuzzjoni mill-Banda La Stella ta' l-Innu Immortali "A San Giorgio Martire", versi tal-Prof. Luigi Billion, mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella. Jidderieġi Prof. Mro. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Dritt wara, marċ singulari bis-sehem taż-żewġ baned King's Own u La Stella li matulu jdoqqu flimkien bħala "massed band" fi Triq ir-Repubblika. Wara l-Marċ, logħob kbir tan-nar fi Pjazza San Franġisk.

❑ **Il-Ħadd: 21 ta' Lulju**
**JUM IL-FESTA**
Fit-8.00 a.m.: Marċ minn Pjazza San Ġorġ mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun.
Fit-8.15 a.m.: Wasla ta' l-E.T. Mons. Jose' Sebastian Laboa, Nunzju Apostoliku għal Malta, akkumpanjat mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Kant tat-Terza.
Fit-8.30 a.m.: Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Jose' Sebastian Laboa, flimkien ma' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistiti minn membri tal-Kapitlu Kattidrali flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru sekulari u reliġjuż. Jinseġ il-Paniġierku l-W. Rev. Dun Louis Bezzina.
*Tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D", komposizzjoni ta' Prof. Joseph Vella, Maestro di Cappella tal-Bażilika u Surmast Direttur tal-Banda La Stella.*
Fil-10.30 a.m.: Marċ brijuż mill-Baned San Gejtanu tal-Ħamrun u Anici ta' Ħal-Qormi.
Fis-2.30 p.m.: Tiġrijiet Tradizzjonali fi Triq ir-Repubblika bis-sehem ta' Bhejjem minn Malta u minn Għawdex. Fi tmiem it-Tiġrijiet, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone u s-Sur Victor Galea Pace, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jqassmu t-Trophies lir-rebbieħa.
Fil-5.00 p.m.: Quddiesa bl-Omelija mill-W. Rev. Mons. Joe Vella Gauci, Arċipriet tal-Kattidral.
Fil-5.00 p.m.: Trasmissjoni ta' Sett ta' Marċi mill-Banda La Stella fuq Radio Malta 1.
Fis-6.00 p.m. Marċ mill-Banda Sliema, minn Triq ir-Repubblika għal Pjazza San Ġorġ.
Fis-6.15 p.m.: Għasar Solenni mmexxija mill-W.Rev. Mons. Emanuel Mercieca, *Arċipriet Emeritus.*
Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.
Fis-6.30 p.m.: Marċ mill-Banda La Stella minn quddiem il-Każin għal Pjazza San Ġorġ
Fis-7.15 p.m..: Il-Banda La Stella tilqa' l-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali bl-Innu Reliġjuż "Georgius Natus Est", komposizzjoni ta' Prof. Mro. Joseph Vella, versi tal-Kan. Joe Mejlak.
Fis-7.30 p.m.: Il-Banda tesegwixxi l-Innu l-Kbir immortali "A San Giorgio Martire" komposizzjoni ta` Mro. Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-Tenur, il-Baritonu u l-Kor tas-Soċjeta`, b'tislima lill-Qaddis Patrun tad-Djoċesi t'Għawdex, liema Innu kien ta bidu għal tradizzjoni fi gżiritna li ġiet adotta mill-parroċċi l-oħra tad-Djoċesi fil-festi titulari propji.
Fit-8.00 p.m.: Tibda' timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika, kif ukoll tal-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkompanja l-Banda La Stella b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi.
Fit-8.30 p.m.: Programm Mużikali mill-Banda Sliema fi Pjazza Indipendenza.
Fil-10.30 p.m.: Daħla trijonfali ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika, fost id-daqq mill-Banda Sliema ta' l-Innu Popolari "Lill-Kbir Martri San Ġorġ", mużika ta' Vincenza Ciappara u versi ta' Patri Akkursju Xerri.
Fil-11.00p.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella li bih jagħlqu dawn il-festi ewlenin ad unur tal-Patrun t'Għawdex San Ġorġ Megalomartri.

❑ *Il-Mużika fil-Bażilika, kemm fil-ġranet tat-Tridu kif ukoll lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-Direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella B. Mus. (Dunelm) F.L.C.M., Maestro di Cappella.*

❑ *Fuq stedina tal-Kor "Laudate Pueri" se jagħtu s-servizz distint tagħhom waqt il-mużika kollha ta' matul il-Festa s-solisti barranin Aurelio Oreste Santalena (Tenur) u Carlos de Miranda (Baritonu).*

## *Il-Quddies fil-Bażilika f'Jum il-Festa*

***Fl-4.00 a.m., 5.00 a.m., 5.30 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 a.m., 7.30 a.m., 8.00 a.m., 8.30 a.m. (Pontifikal), 9.00 a.m., 10.00 a.m., 11.00 a.m. 12.00 p.m. 4.00 p.m., u 5.00 p.m.***

*Il-Quddies tat-8.00 a.m., tad-9.00 a.m. u tal-10.00 a.m. jinżammu fiċ-Ċentru Pàrrokkjali.*

***Opri Ġodda:***

❑ *Monument artistiku maħdum fil-bronż u l-irħam, b'tifkira ta' l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili, li sar b'inizjattiva, il-ħidma u l-finanzjament tal-Ladies Society u li ġie inawgurat mill-President ta' Malta, Dr. Ugo Mifsud Bonnici.*

❑ *Żewġ anġli tal-bronż, fil-kappella tas-Sagrament mħallsa mill-mibki Salvatore Galea (Ta' l-Orjenti). Dawn l-anġli nħadmu minn Alfred Camilleri Cauchi (Skultur) u Joseph Chetcuti (Bronżier)*

❑ *B'inizjattiva tal-Kor "Laudate Pueri" qed isir xogħol estensiv ta' restawr u rinovament ta' l-orgni mekkaniku tal-1781 tad-ditta magħrufa Santucci ta' Palermo, liema orgni kien jinkorpora fih orgni preċedenti tas-snin 1600. Biex jisseddaq l-użu ta' dan l-orgni pretiġjuż waqt il-Liturġija Mqaddsa qed isiru arranġamenti u adattamenti sabiex ikun jista' jindaqq ukoll mill-Kor filwaqt li tkun rispettata l-integrita' u s-sistema mekkanika tiegħu. Dan il-proġett ambizzjuż u uniku f'pajjiżna qiegħed isir bl-għajnuna ġeneruża tal-Kan. Dun Joseph A. Borg, Major RCAF, u ta' benefatturi oħra.*

❑ *Ċinturin tad-Deheb għall-istatwa ta' San Ġorġ imħallas minn George Grech u l-familja tiegħu, xogħol tad-Ditta Louis Jewellery, (Malta)*

❑ *Medaljun u dekorazzjoni għall-Bankun ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, u maħduma fil-bronż mis-Sur Joseph Chetcuti.*

❑ *Tlett Marċi Reliġjużi li nkitbu esklussivament għal waqt il-Purċissjoni Pontifikali ta' San Ġorġ, mill-Prof. Mro. Joseph Vella.*

❑ *Sett ta' tnax il-Bandalora għal Pjazza San Franġisk.*

❑ *Sett ta" sitt Bandalori u sitt stilel għall-arbli ta' Pjazza San Ġorġ.*

❑ *Restawr ta' erba' Pedestalli u l-istatwi tagħhom għal Pjazza Indipendenza.*

# L-IMPERATUR DIOKLEZJANU

*(A.D. 245-313)*

**(Gaius Aurelius Valerius Diocletianus)**
**li fi żmienu San Ġorġ bata' il-Martirju**

*kitba tal-*
***Kan. Dun Nikol Vella Apap***

**Min kien l-Imperatur Dioklezjanu**

Dan l-Imperatur Ruman (A.D. 284-305) jingħad li twieled f'Dioclea, ħdejn Salona fid-Dalmazja. L-isem oriġinali tiegħu kien Diocles [1]. Daħal fl-armata u bil-ħila tiegħu kiseb l-uffiċċju ta' Gvernatur ta' Moesia, Konslu u Kmandant tal-gwardji tal-palazz. Fil-gwerra Persjana, taħt Carus, iddistingwa ħafna ruħu. Meta iben is-suċċessur ta' Carus Numerio ġie maqtul, il-għażla ta' l-armata waqgħet fuq Dioklezjanu, li dritt qatel b'idejh il-qattiel Aper fis-17 ta' Settembru tal-284 W.K.[2]

Ix-xogħol li kien jitlob minn Dioklezjanu ma ġablux tħejjija kulturali, u l-anqas tħejjija amministrattiva kbira, imma sens tajjeb ta' raħli twajjeb, sħiħ f'ideat tiegħu, u qawwa ta' suldat biex iwettaq is-sens kbir fid-dmir u dedikazzjoni. [3] Is-saltna ta' Dioklezjanu (284-305) ħalliet marka, kemm fil-milizja u storja politika ta' l-imperu. Ir-rebħa li huwa ċċelebra ma' sieħbu Maximian fl-20 ta' Novembru tas-sens 303 kienet l-aħħar trijonf li Ruma qatt kellha.[4]

**Il-Qasma ta' l-Imperu Ruman**

Iż-żewġ mardiet gravi ta' l-Imperu Ruman kienu: tentattivi bla ma jaqtgħu tad-dħul għall-għarrieda tal-barbri fuq il-fruntiera, u n-nuqqas ta' norma ta' suċċessjoni imperjali biex jirripietu bla ma jieqfu l-ħtif ta' imperaturi magħżula fil-forom kollha anarkiċi, li ġabu rovina l-qawwa ta' l-Imperu. Dioklezjanu ħadem bla heda sabiex isib rimedju għal dawn iż-żewġ pjagi. Il-kobor tal-fruntiera ħoloq diffikulta' biex tiġi mħarsa din l-istess fruntiera, mhux biss fi żmenijiet imqallba, iżda ukoll waqt xi rebħa li kienet minnha nnifisha perikuluża. Ta' spiss kien jiġri, li xi suldati rebbieħa, kienu jsejjħu bħala imperatur lill-kmand tagħhom, u kienu jġiegħluh jieħu l-porpra, u imbagħad joqtluh ftit taż-żmien wara.[5]

Dioklezjanu ħass li kien impossibbli f'din is-sitwazzjoni li jmexxi u jiddefendi waħdu lil-Imperu. Neħħa minn fuqu kull għira u esklusiviżmu, u għażel minn fost il-ġenerali l-iktar wieħed imħejji, lil Massiminjanu, bniedem ta' kultura baxxa iżda ta' fedelta' għanja, u bagħatu, bħala mexxej ġewwa Franza biex iħarbat lir-ribelli (Bagandi). Massimjanu ħadha ma' dawn ir-ribelli u ġab paċi u rnexxielu jdaħħal ħafna niex fl-eżerċitu. Dioklezjanu irnexxielu jirbaħ b'suċċess poplu ta' nisel ġermaniż, li kien jgħix fuq ix-xmara Danubju (285), fejn għall-ewwel darba ġie msejjaħ "Germanicus Muximus". [6]

Iż-żewġt iħbieb iltaqgħu fin-Nikomedija, fl-ewwel xhur tas-sena286, u Dioklezjanu għolla lil MAssimjanu għall-grad ta' Awgustu, u tah il-kunjom ta' Ġiove. [7]. Wara, Dioklezjanu qassam il-qawwa tiegħu billi ta titli inferjuri ta' Ċesari lil żewġ ġenerali, Galerju u Costantius (292). Dioklezjanu żamm għalih Thrace, l-Eġittu u l-Asja; l-Italja u l-Afrika kienu provinċja ta' Massimjanu, waqt li Galerju ġie stazzjonat fuq id-Danubju u Costantius kellu jieħu ħsieb Franza, Spanja, l-Brittanja. Imma l-akbar tmexxija kienet f'idejn Dioklezjanu. [8]

Ruma baqgħet il-kapitali morali ta' l-Imperu bit-tradizzjoni, il-liġijiet u r-reliġjon li għamlu żejjnu lir-ruħ ta' l-istat b'isem tassew kbir.

Dioklezjanu fehem id-dinjita' ta' l-Imperu, mhux bħala dritt u privileġġ li kellu jħares, imma bħala missjoni ta' dmirijiet gravi u attivi bla waqfien. [9]. Fis-snin 294-295) Galerju u Massimjanu, wettqu serje ta' spedizzjonijiet kontra l-Goti, Sarmati, u carpi. Numru ta' Sarmati priġunieri u l-popolazzjoni ta' Carpi ġew meħuda u stabiliti bħala kolonji b'obbligi militari fi Franza u provinċji oħra. Fis-sajf tas-sena 294, faqqgħet battalja mdemmija ġewwa Alessandrija ta' l-Eġittu. Il-Maġistrati Rumani ġew maqtula, ċertu Achilleo kiseb il-porpra bl-isem ta' L. Domizio Domiziano. [10].

**Il-Persekuzzjoni ta' Dioklezjanu**

Isem Dioklezjanu huwa marbut ma' l-aħħar u l-iktar terribli mill-għaxar persekuzzjonijiet ta' l-ewwel żmien tal-Knisja. Ma' dan kollu huwa fatt li l-insara gawdew paċi u propserita' matul iż-żmien twil tas-saltna tiegħu. Ewsebju li għex f'dak iż-żmien ifisser b'termini ta' kobor: "Il-glorja u l-liberta' b'liema duttrina u pjeta' kien onorat", u jsemmi t-tjubija ta' l-Imperatur lejn il-mexxejja insara li huma għażlu, u lejn il-membri nsara tal-familji. Huwa jitkellem fuq in-numru kbir li ħaddnu r-reliġjon ta' Kristu u fuq il-knejjes kbar u sbieħ mibnija fuq bini fqir ta' l-ewwel żmenijiet. (Hist. Eccl. VIII.i). Li kieku Dioklezjanu baqa' waħdu Imperatur, kien iħalli din it-tolleranza bla ebda tfixkil. Kien Galerju li mbuttah biex jibda' l-persekuzzjoni. Dawn iż-żewġ ħakkiema ta' Lvant f'Konċilju li nżamm fin-Nikomedija fis-sena 302 qatgħuha li joħonqu u jġibu fix-xejn lill-insara mxerrda ma' l-Imperu kollu. [11].

Il-persekuzzjoni ma bdiet ħarxa mill-ewwel, iżda bdiet kulma jmur dejjem iżżid fil-ħruxija tagħha. Għall-ewwel beda jeħodha kontra dawk l-insara li kienu fl-eżerċitu. Lis-suldati ġegħilhom jagħtu qima lill-allat nazzjonali u f'każ kuntrarju, kellha tingħata l-piena ***"Missio Ignominosa"***, tkeċċija mill-eżerċitu. L-istess disposizzjonijiet kienu għall-impjegati ċivili. [12].

**L-Editt tal-Persekuzzjoni**

Fl-ewwel Editt naqraw li l-Imperatur ried li l-Knisja tiġi meqruda mill-qiegħ; il-Kotba Mqaddsa kellhom jiġu maħruqa; il-bnedmin ta' ġieħ, jekk jibqgħu iwebbsu rashom u jibqgħu insara, jitilfu l-unur tagħhom; il-poplu sempliċi kellu jitlef il-liberta' tiegħu.

Fit-tieni Editt ġie ordnat li l-kapijiet tal-Knisja kellhom jiġu mitfugħa il-ħabs, u jintrabtu bil-ktajjen. L-Imperu kellu jagħmel minn kollox biex huma

joffru s-sagrifiċċju lill-allat.

Fit-tielet Editt ġie ordnat li jekk dawk li huma magħluqin fil-ħabs joffru s-sagrifiċċju lill-allat, huma kellhom jiġu meħlusa. Iżda f'każ li ma joffrux is-sagrifiċċju, kellhom jiġu mgħoddija minn tbatijiet mill-iżjed ħorox. Il-martri fil-Provinċji kollha ta' l-Imperu saru bla għadd. Ir-raba' Editt jagħtina x'nifhmu li l-persekuzzjoni issa kienet waħda universali. Kulħadd, f'kull belt u kull ġens, kellu joffri sagrifiċċju lill-allat. [13].

Ewsebju, Isqof ta' Kostantinopli li kiteb fir-raba' seklu jgħid li **"ĠORĠ"** kien wieħed minn ta' quddiem li ddistingwa ruħu bħala l-ewwel minn dawk li wrew ruħhom bħala nsara. Sant Ambroġ, Isqof ta' Milan, li kiteb madwar dawk iż-żmenijiet, jgħid li waqt li oħrajn ħbew il-fidi tagħhom ***"ĠORĠ" waħdu ħareġ fil-beraħ"***, biex jistqarr l-isem t'Alla. Hemm ukoll il-Martiroloġju Ġerolemitan, miktub bejn it-tmien u d-disa' seklu (*fil-Mużew ta' Berne*) fejn l-isem ta' San Ġorġ jissemma' tlett darbiet: fit-23, fil-24 u fil-25 ta' April. [14]

Il-"Laroussedu XX.o Siecle" juri li San Ġorġ Martri, tas-Seklu IV, Kappadoċjan fit-twelid, professjoni ta' Suldat, ġie maqtul probabilment taħt Dioklezjanu. [15].

— — — — — — — — — —

*Referenzi:*


1 The Encyclopaedia Brittanica: A Dictionary of Arts, Science, Literature and General Information. Vol. VII. P. 280
2. The Catholic Encyclopaedia. Vol. V.7.
3. Enciclopedia Cattolica. Vol. IV.p.1654.
4. The Catholic Encyclopedia. Vol. V. p. 7
5. Enciclopedia Cattolica. Vol. IV.p. 1654.
6. Enciclopedia Italiana. Vol. XII.p.920
7. L-istess. p. 920
8. The Catholic Encyclopaedia. Vol. V.p.7
9. Enciclopedia Italiana. Vol. XII.p.920
10. L-istess p. 920.
11. The Catholic Encyclopaedia. Vol.V.p.7
12. Enciclopedia Cattolica. Vol. V. p. 1654.
13. Alexander Bonnici O.F.M.-Conv. H.E.D.. S.Th.L., Ph.B. Storja tal-Knisja. Il-Knisja tal-Martri. pp. 63-64.
14. Fr. Mark Elvins. St. George Protector of the English Realm. "Who Was He?" p.14
15. P. Mario Baraziza S.C.J. San Giorgio. p.5.




# Rokna għat-Tfal

Għeżież Tfal,

Reġa wasal iż-żmien biex ngħidu kelmtejn bejnietna, iżda din id-darba, il-ftit ħin li se ngħaddu flimkien huwa wieħed speċjali u imprezzabbli għaliex minn hawn u ftit tal-ġranet oħra niċċelebraw il-festa ta' l-għażiż patrun tagħna San Ġorġ Martri.

Għandi nifhem li lkoll kemm intom, wara li temmehtu b'suċċess is-sena skolastika b'riżultati tajbin, tinsabu issa lesti biex tiċċelebraw il-festa tagħkom kif inhu xieraq. Issa, għal ftit insew il-klassi, il-bankijiet u l-iskola, u tiddevertu ftit fil-festa kif tabilħaq jixirqilkom.

Tfal, kemm għandu tagħlimiet sbieħ u kbar għalina San Ġorġ! Minn ċkunitu kien tifel kwiet u twajjeb. Kien jobdi l-ġenituri tiegħu f'kollox, l-aktar fil-ħwejjeġ spiritwali. Qatt ma kien jgħid "le" għall-ordnijiet t'ommu u ta' missieru. Kien jaqdihom f'dak kollu li kien ikollhom bżonn. Kien iħobbhom ħafna u jgħożżhom tgħidx kemm!

Aħna kif aħna f'din il-ħaġa tfal? Inħobbuhom u ngħożżuhom xejn lill-ġenituri tagħna? Imma nhobbuhom u ngħożżuhom bil-kliem biss jew bil-fatti? Jew insabbtu saqajna ma' l-art meta jikkmandawna xi ħaġa? Ngħinuhom xejn fix-xogħol tagħhom? Jew qatt ma nmiddu jdejna għal xejn? Qisu, tfal, li f'dil-ħaga timitaw ħafna lil San Ġorġ, għax inkella nċapċpulu għalxejn f'dawn il-ġranet tal-festa tiegħu.

Ħaġ' oħra li jgħallimna San Ġorġ Martri, tfal, hija hija dik li dejjem ħares il-fidi tiegħu bil-għaqal u bl-imħabba lejn Alla Misieru. Huwa dejjem warrab u stmerr dawk il-ħwejjeġ tad-dinja li kienu ta' theddid għall-fidi tiegħu.

Aħna bħal San Ġorġ irridu nagħmlu: inħarsu dejjem il-fidi tagħna. Oqgħodu ħafna attenti x'kotba taqraw, xi programmi taraw fuq it-television, xi ħbieb tagħmluha magħhom, għax dawn kolha jistgħu jkunu ta' ħsara għall-fidi tagħkom. Oqgħodu attenti fejn tmorru f'dawn il-ġranet ta' vaganzi għax ċerti postijiet jistgħu ma jkunux tajbin u xierqa għalikom. Fuq kollox, qisu li ġġibu ruħkom sewwa u b'mod xieraq ħdejn il-baħar meta tmorru tgħumu!

Tfal, qabel nagħlaq, irrid infakkarkom biex kemm jista' jkun tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru f'ġieħ San Ġorġ f'dawn il-jiem tal-festa, l-aktar f'dik il-funzjoni li ser issir għalikom nhar **il-Ħamis 18 ta' Lulju fil-5.00pm.** meta Mons Isqof Nikol Cauchi jiġi jqassmilkom il-premijiet tad-Duttrina waqt Quddiesa Pontifikali.

Sa ma nerġgħu niltaqgħu, nixtiqilkom festa sabiħa u vaganzi mill-aqwa.

Tata'

***Iz-Ziju Peppi***

## Marċi għall-Festa ta' San Ġorġ f'Għawdex fuq Cassette Tape



Il-Banda Ċittadina La Stella għadha kif ħarġet cassette Tape ġdid ta' marċi fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Megalomartri, li ser tiġi ċelebrata b'solennita' kbira fil-belt Victoria nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju.

Il-Cassette jiġbor fih set ta' disa' marċi brijużi ta' wħud mill-aqwa kompożituri tal-marċi tradizzjonali Maltin, fosthom A. Mizzi, V. Ciappara, A. Aquilina, E. Bugeja, J. Galea, J. Theuma, R. Sciberras, P. Schembri, u M. Testa. Flimkien ma' dawn il-marċi nsibu wkoll l-Innu-Marcia popolari "Lill-Kbir Martri San Ġorġ", u l-Innu tal-Banda.

Fl-esekuzzjoni ta' dawn il-marċi l-Banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Prof. Joseph Vella.

Dawn il-marċi ser jindaqqu għall-ewwel darba mill-Banda La Stella nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Lulju, waqt dimostrazzjoni kbira li ssir madwar it-toroq tal-belt Victoria bl-istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur ta' Vincenzo Ciappara u l-ewwel statwa titulari esterna f'Għawdex.

Il-Cassette Tape ta' Marċi, it-23 edizzjoni maħruġa mis-Soċ. Fil. La Stella jinsab għall-bejgħ mill-Każin tal-Banda kif ukoll mill-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u f'Għawdex. ●

## Bandalori Ġodda u Restawr ta' l-Armar għall-Festa ta' San Ġorġ




Bi tħejjija għall-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Martri, għadhom kif tlestew żewġ settijiet ġodda ta' bandalori biex iżejnu żewġ pjazzez prinċipali fil-belt Victoria matul il-ġranet tal-Festa.

Wieħed minn dawn is-settijiet inħadem għal Pjazza San Franġisk. Is-sett jikkomprendi tnax-il bandalora f'għamla tal-Bandiera ta' San Ġorġ (ara ritratt). Dawn il-Bandalori tfasslu u nħietu minn Nazzareno Galea, Anton Farrugia, u Charles Ballucci fuq disinn ta' Mark Sagona, li pinġa wkoll id-disinji tagħhom.

Sett ieħor sar għal Pjazza San Ġorġ sabiex jieħu post set ieħor qadim li kien sar fl-1959. Is-sett il-ġdid inħadem fuq disinn ta' Anthony Xuereb li ħa ħsieb ukoll il-ħjata tagħhom. Biex din l-opra tkun kompluta saru anke stilel ġodda għal fuq l-arbli ta' dawn il-bandalori, maħduma b'sengħa kbira minn George Cassar taħt id-direzzjoni ta' George Borg.

Matul dawn l-aħħar xhur sar ukoll xogħol ta' restawr fuq erba' pedestali li jintramaw fi Pjazza Indipendenza u li fuqhom jitqegħdu l-istatwi ta' l-artist Malti Vincenza Cremona, u li jirrappreżentaw l-erba' virtujiet li bihom kien imżejjen il-Martri ta' Lydda: Qawwa, Fidi, Karita' u Tama. Ix-xogħol fuq l-injam ta' dawn il-pedestalli sar minn Raymond Mizzi u Thomas Farrugia, filwaqt li Manuel Attard għamel ix-xogħol tal-forom. L-irħamar sar minn Joseph Cutajar, l-induratiura u l-iskultura kienet afdata f'idejn George Borg.

Bl-inizjattiva tal-grupp ta' żgħażagħ taħt it-tmexxija ta' Manuel Attard u Mark Sagona saru wkoll xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni fuq uħud mill-istatwi u armar ieħor. dan il-grupp ħadem u stinka bla heda biex ix-xogħol kollu laħaq tlesta għall-festa. ●

## UĊUĦ ĠODDA MAL-BANDA LA STELLA



Il-kumpless bandistiku fi ħdan is-Soċ. Fil. La Stella dan l-aħħar żdied b'ħames bandisti ġodda. dawn huma: George Sciberras (Althorn), Christian Abela (Trumpet), Emanuel Buhagiar (Trumpet), Robert Mallia (Sax Tenor) u Frank Cachia (Drums). Huma ġew imħarrġa fit-tagħlim tal-mużika u fil-prattika ta' l-istrument mis-Sur Michel Refalo, li għandu f'idejh it-tagħlim ta' l-allievi (sezzjoni ram).

Għal dawn il-ħames żgħażagħ bandisti ġodda, l-ewwel okkażżjoni kbira li fiha se jieħdu sehem flimkien mal-Banda La Stella se tkun il-Festa ta' San Ġorġ Martri, bejn il-11 u l-21 ta' Lulju. Il-Banda La Stella se tagħti għaxar servizzi waqt il-ġranet tal-festa.

Minbarra l-Banda Ċittadina La Stella, ħames baned oħra Maltin ġew mistiedna jieħdu sehem fil-festa ta' din is-sena. Dawn huma l-Fil. King's Own tal-Belt Valletta, il-Banda Dekana L-Isle Adam tar-Rabat, il-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi u l-Banda Sliema. ●

A&M PRINTING LTD. - QALA - 553217